# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 127/2012

## tal-14 ta' Frar 2012

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 rigward estensjoni tal-użu tas-sustanza attiva metażaklor

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13(2)(c) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/116/KE [2] il-metażaklor ġiet inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE [3] għall-użu bħala erbiċida b'rata massima ta' applikazzjoni ta' 1,0 kg/ha biss kull tielet sena fl-istess għalqa. Mis-sostituzzjoni tad-Direttiva 91/414/KEE bir-Regolament (KE) Nru 1107/2009, din is-sustanza titqies bħala approvata skont dak ir-Regolament u hija elenkata fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati [4].

(2) Fit-23 ta' Marzu 2010 wieħed min-notifikaturi li fuq talba tiegħu l-metażaklor ġiet inkluża fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE, ressaq applikazzjoni għal emenda tad-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-użu tal-metażaklor biex jippermettu applikazzjonijiet iżjed spissi fl-istess għalqa, iżda mingħajr ma jinqabeż l-ammont massimu totali ta' 1,0 kg/ha fuq perjodu ta' tliet snin. Din l-applikazzjoni kienet akkumpanjata minn informazzjoni addizzjonali. L-applikazzjoni tressqet lir-Renju Unit, li kien inħatar bħala l-Istat Membru relatur permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1490/2002 [5].

(3) L-Istat Membru relatur ivvaluta l-informazzjoni addizzjonali mressqa mill-applikant u ħejja addendum għall-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni. Huwa ressaq dan l-addendum quddiem il-Kummissjoni fl-4 ta' Jannar 2011, u din ikkomunikatu lill-Istati Membri l-oħra u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għall-osservazzjonijiet tagħhom. L-addendum mal-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni ġie rivedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-24 ta' Jannar 2012 fil-format ta' addendum mar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni dwar il-metażaklor.

(4) Mill-eżamijiet diversi li twettqu, jidher li l-emenda mitluba tad-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-użu ma tikkawżax riskji barra dawk li huma diġà meqjusa fl-approvazzjoni tal-metażaklor u fir-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni dwar din is-sustanza.

(5) L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011**

Fil-kolonna "Dispożizzjonijiet speċifiċi" tar-ringiela numru 217, metażaklor, tal-Parti A tal-Anness, il-Parti A hija sostitwita b'dan li ġej:

"PARTI A

Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala erbiċida. L-applikazzjonijiet tas-sustanza għandhom ikunu limitati għal doża totali ta' mhux aktar minn 1,0 kg ta' metażaklor/ha f'perjodu ta' tliet snin fl-istess għalqa."

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

[1] ĠU L 309, 24.11.2009,p. 1.
[2] ĠU L 337, 16.12.2008, p. 86.
[3] ĠU L 230, 19.8.1991,p. 1.
[4] ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1.
[5] ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Frar 2012.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO